# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 1861

Kaz Nru 2283/HW

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Ronald Schembri

u

Jules Henri Edourd bhala General Manager Grand Hotel Mercure Coralia San Antonio u Tony Zahra u Silvio Debono ghan-nom u in rappreżentanza tas-Socjeta Hotel San Antonio plc.

Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.

12 ta' Gunju, 2008

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD (UK).

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet irreferita lt-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-registru tal-Qorti Superjuri fit-18 ta' Awissu, 2005 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Is-Sur Ronald Schembri, li minn issa jidher bhala l-Appellant, kien assistit mill-Avv. Dr Paul Borg Olivier. Ghas-Socjeta intimata deheru is-Sur Vincent DeGiorgio assistit mill-Avukat Robert Tufigno.

Fl-istqarrija tal-Kaz l-Appellant jghid, li kien impjegat bhala Houseman mal-lukanda Grand Hotel Mercure Coralia San Antonio, b'kuntratt definit tal-4 ta' Frar 2005, ghal perjodu ta' sitt xhur liema kuntratt kien jiskadi fis-17 ta' Awissu 2005. Huwa jghid ukoll, li dan il-kuntratt kien imgedded wara li kien skada kuntratt iehor preciz qablu u li kien ta' perjodu wkoll ta' sitt xhur.

Huwa jghid ukoll, li sal-jum li kien gie imkecci dejjem ghamel ix-xoghol skond l-interessi tal-lukanda u qatt ma rrifjuta xi xoghol imqabbad lilu mis-superjuri tieghu, anzi dejjem mexa skond il-kuntratt biex jipprotegi l-interess tal-lukanda u tas-settur tat-turizmu.

Huwa jghid ukoll li fit-22 ta' Marzu 2005, gie terminat l-impjieg definit tieghu u dan allegatament ghar-ragunijiet ta' dixxiplina. Huwa jghid ukoll, li dak li kien gara, li xi jumejn qabel ma tkecca, kien xoghol ta' fil-ghaxija u kien qed inaddaf ir-Reception area tal-lukanda u marru fuqu il-persuna responsabbli mill-waiters u mic-chief security u qalulu biex jinzel fis-sala fejn kien hemm party ghaliex kien waqa xi ilma.

L-appellant jghid ukoll fid-dikjarazzjoni tieghu, li kien insista maghhom li xoghlu primarjament kien li l-ewwel jispicca mir-reception area. Huwa jghid ukoll, li din l-insistenza ghamilha b'responsabilta u dan ghal raguni ghaliex ir-reception area hija l-ewwl art fejn jidhlu it-turisti kif ukoll li diga kellu nofs ix-xoghol lest, u l-art kienet imxarrba u ghalhekk kellu jlesti dak li kien qed jghamel.

Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tieghu, li normalment jiehu l-istruzzjonijiet mill-Housekeeper jew mis-supervisor. Barra min hekk, meta jkun hemm xi party, il-

houseman/cleaner ikunu avzati u il-management idahhlu haddiema extra ghal dak li jista jinqala. Huwa jghid ukoll, li fil-fatt dak il-lejl kien hemm cleaner li suppost kienet assenjata mas-sala, izda din kienet qed tghamilha ta' "cloak attendant" maghha kien hemm ukoll is-supervisor tal-housemen, li ma kienitx hi li giet biex tghati lilhu struzzjonijiet. Fl'istqarrija tal-kaz tieghu huwa jghid ukoll, li ghalhekk irrifjuta li jghamel ix-xoghol qabel ma jlesti dak li kien assenjat biex jghamel fir-reception area. Huwa jghid ukoll, li qalillhom li wara li jlesti mir-reception area, jekk l-ilma li kien fis-sala tal-party ma kienx gie imnaddaf minn haddiehor huwa jinzel fis-sala fejn kien hemm il-party u jnaddfu. Huwa jghid ukoll li dan ghamlu, ghaliex kien qed inaddaf ir-reception ftit qabel l-arrivals tac-charters li jidhlu bil-lejl u ma kienx ikun tajjeb li jhalli ir-reception area imxarrba ghad-detriment tal-lukanda u ghall-periklu tat-Turisti.

L-Appellant jghid ukoll fl-istqarrija tal-kaz tieghu, li fil-fatt kien hemm klawsola fil-kuntratt li ried dejjem jghamel xoghlu fl-ahjar interess tas-settur tat-turizmu, u kien ghalhekk li insista li jlesti dak li kien imqabbad li jghamel fir-reception area qabel ma jmur fis-sala tal-party.

Huwa jtemm l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid li it-tkeccija kienet ingusta.

Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li it-terminazzjoni tal-impjieg ta' l-appellant kienet gustifikata skond il-ligi peress illi kien hemm ragunijiet bizzejjed u tajbin li jiggustifikaw it-tkeccija tieghu. Fl'istqarrija taghha is-socjeta tghid, li l-impjieg tal-appellant gie tterminat fit-22 ta' Marzu, 2005, minhabba insoburdinazzjoni u nuqqas fid-dmirijiet tieghu meta irrifjuta li jaqdi d-dmirijiet tieghu kif mitlub li jaghmel mis-superjuri tieghu. Is-Socjeta tghid ukoll, li din ma kienitx l-ewwel darba li l-istess appellant naqas u kien inghata diversi twissijiet verbali. Ghalhekk, kien hemm ragunijiet bizzejjed biex jiggustifikaw it-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta li l-appellant kien impjegat mas-Socjeta bhala Houseman b'kuntratt defenit.

Mill-provi jirrizulta ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret fit-22 ta' Marzu 2005, meta waqt li l-appellant kien qed jahsel ir-reception area gie mqabbad mic-chief security officer, li mill-provi jirrizulta wkoll li f'dak il-hin kien id-duty manager tal-lukanda peress li l-general manager kien diga telaq mill-lukanda. Mill-provi jirrizulta wkoll li d-Duty Manager qal lill appellant biex imur inehhi xi ilma li kien hemm fis-sala li f'dak il-hin kien qed isir party. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant irrifjuta li f'dak il-mument imur inaddaf is-sala ghax jghid, li l-ewwel huwa kellu jnaddaf ir-reception area ghax dawk kienu id-doveri li kienu gew moghtija lilhu mis-superjur tieghu qabel ma beda l-gurnata tax-xoghol tieghu. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant kien tal-fehema li ma kellux jobdi l-ordnijiet li gew moghtija lilu f'dak il-hin ghax fl'opinjoni tieghu l-ewwel prijorita kellha tkun ir-reception area u wara jigi ix-xoghol li kellu jsir fis-sala tal-party. Mill-provi jirrizulta ukoll, li l-appellant kien tal-fehema li peress li kien hemm cleaner ohra li f'dak il-hin kienet qed tghaqdi il-funzjoni fil-"cloak room" setghet tnaddaf hi wkoll l' ilma li kien hemm fis-sala tal-party.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa dak li jghid l-appellant, li hu baqa jghamel ix-xoghol fir-reception u ma obdix l-ordni tad-duty manager, peress li originarjament huwa kellu struzzjonijiet qabel ma beda il-gurnata tax-xoghol minn dawk ta' fuqu, biex jahsel ir-reception area u ghaldaqstant kien tal-fehema, li l-ewwel prijorita kellha tkun li tinhasel ir-reception area u wara jsir xoghol iehor jekk dan ma jsirx mill-persuna li f'dak il-hin kienet qed tiehu hsieb il-cloak room. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet t-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li l-ordni li giet moghtija lill-appellant inghatat mid-Duty Manager, li f'dak il-hin kien qed jissostittwixxi lill-General Manager u ghaldaqstant bhala Duty Manager, hu kellu ir-responsabilita li jiddeciedi fuq il-prijoritajiet tal-funzjonijiet tax-xoghol fil-lukanda. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li ma kienx il-

kompitu ta' l-appellant li jiddeciedi liema kienu l-prijoritajiet tax-xoghol, izda kien id-dritt, id-dmir u l-kompitu tad-duty manager li jiddeciedi liema prijoritjiet ghandhom isiru l-ewwel u dan specjalment meta jigi kkunsidrat ukoll, li x-xoghol li gie imqabbad li jghamel l-appellant mid-duty manager, kien xoghol li kien fil-linja tad-doveri tax-xoghol ta' l-appellant u l-ordni li giet moghtija lilu mid-duty manager kienet wahda ragonevoli u leggittma u ghalhekk l-appellant naqas meta ma segwix l-ordni li giet moghtija lilu.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Isatements of Case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, semgha u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjoni tieghu citati hawn, it-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-terminazzjoni tal l-impieg ta' l-appellant kienet gusta u ghal raguni valida skond il-ligi.
Ghal-finijiet ta' l-avviz legali Nru 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assistita l-partijiet fis-somma ta' 93 euro u sbghatax il-centezmu.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vera kopja
Mary Rose Galea
Ghas-SEGRETARJU